MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**

**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 206/2006

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 t'Ottubru, 2013**

**Avviz nru: 206/2006 MLF**
**Middlesea Insurance p.l.c.**

**Vs**

**Anthony Montebello**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta’` attrici li talbet li tithallas is-somma ta’ tliet elef, hames mija u sitta u hamsin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm3,556.47) rapprezentanti prezz ta’ diversi *premiums* u bollijiet dovuti mill-konvenut fuq poloz ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjeta’ attrici fuq talba tal-konvenut stess, u dan skont l-i*statement of accounts* anness bhala Dok A.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta’ Marzu, 2006, u bl-imghax legali kontra l-konvenut minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Anthony Montebello fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici in kwantu ghal dak il-parti tal-ammont illi hija eccessiva u ghaldaqstant ma’ hijiex dovuta mill-konvenut u dan stante illi mill-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici skond l-i*statement of accounts* ezebita bhala Dok. A ma gietx imnaqqsa l-*commission* dovuta lill-konvenut skond il-persentagg effettivament miftiehem bejn il-kontendenti;
2. Illi, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv in vista tal-fatt illi jinkludi *premia* illi qatt ma’ gew rikjesti mill-konvenut.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghat ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

Fl-1999 il-konvenut sar *sub-agent* mas-socjeta' Allied Insurance Services Limited, li a sua volta kienet agent tas-socjeta' attrici. Mas-socjeta' Allied Insurance Services Limited, il-konvenut kellu *inter alia* dawn it-termini u kundizzjonijiet:[1]

1. *l-commission* li kellu jircievi l-konvenut fuq il-poloz ta' assikurazzjoni li kienu *non-life insurance policies* (bl-eccezzjoni tal-*health insurance policies)* kienet ta' 15.5%
2. jekk klijent igedded il-polza tieghu fil-*head office* tas-socjeta' Allied Insurance Services Limited, il-konvenut xorta kien ikun intitolat ghall-*commission* miftiehma.

Fis-sena 2002, s-socjeta' Allied Insurance Services ma baqghetx topera, u l-konvenut sar *sub agent* direttament mas-socjeta' attrici. Il-licenzja biex jahdem bhala agent taghha harget mill-Malta Financial Services Authority fil-16 ta' Mejju 2003.[2] Il-konvenut Montebello ghalhekk beda jbiegh il-poloz tas-socjeta' attrici direttament bhala *sub agent* tas-socjeta attrici, kien jigbor il-*premia* relattivi u kull tlett xhur kien jghaddi *l-premia* migbura lill-istess socjeta' attrici, wara li tigi mnaqqsa l-*commission* dovuta lilu. Il-maggor parti ta' dawn l-assikurazzjonijiet kienu jirrigwardaw vetturi.

B'ittra datata 27 ta' Jannar 2003, is-socjeta' attrici nfurmat lill-konvenut bir-rati ta' *commissions* pagabbli lilu u *inter alia* l-*commission* ghall-assigurazzjonijiet rigwardanti vetturi giet ridotta ghal 12.5%.[3] Din ir-revizjoni tar-rati tal-*commission* kellha jkollha effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2003.

Il-konvenut jghid li hu kien gie imwieghed verbalment mis-socjeta' attrici li l-*commission* ghall-assigurazzjoniet ta' vetturi kienet se tkun ta' 15% - ftit inqas minn kif kienet mas-socjeta' Allied Insurance Services Ltd., u cioe 15.5%

Mill-provi jirrizulta li s-somma mitluba mis-socjeta' attrici tista tigi maqsuma fi tnejn:

---

[1] Ara Dok A anness mal-affidavit tal-konvenut a fol. 72 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Rose Desira a fol. 140 tal-process.
[3] Ara Dok C a fol. 74 tal-process.

1. l-ammont ta' elfejn u ghoxrin lira Maltin u erba' u hamsin centezmu (LM2020.54) li jirreferi ghal *premia* migbura mill-konvenut minghand klijenti varji fuq assikurazzjonijiet mibjugha minnu u mahruga mis-socjeta' attrici u li ma nghatawx lis-socjeta' attrici. Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut eccipixxa li minn dan l-ammont ma gietx imnaqqsa l-*commission* skont ir-rata miftiehma bejn il-partijiet;

2. l-ammont ta' elf hames mija hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (LM1535.93) jirreferi ghal *premia* li s-socjeta' attrici qed tippretendi minghand il-konvenut stess fuq vetturi tieghu personali, u l-konvenut eccepixxa fit-tieni eccezzjoni tieghu li hu qatt ma talab dawn il-*premia.*

<u>1. L-Ammont ta' elfejn u ghoxrin lira Maltin u erba' u hamsin centezmu (LM2020.54) – *premia* ta' terzi persuni</u>

Mhux kontestat bejn il-partijiet li l-poloz indikati fl-*istatement* tas-socjeta' attrici[4] nhargu kollha. Il-kontestazzjoni tal-konvenut dwar dawn il-poloz tirrigwarda r-rata tal-*commission* li kellu jiehu fuq il-poloz mibjugha minnu. Il-konvenut jinsisti li huwa kellu xi forma ta' ftehim mal-kumpanija attrici li hu kellu jibqa' jircievi *commission* bil- percentwali ta' 15%, qrib dik li kellu meta kien *sub agent* ta' Allied Insurance Services Limited, u b'mod partikolari ghal assigurazzjonijiet ta' vetturi, mhux bir-rata ta' 12.5% li biha bdiet ittih il-*commission* is-socjeta' attrici.

Kif diga inghad, mill-ittra mibghuta lill-konvenut mis-socjeta' attrici datata 27 ta' Jannar 2003 fuq imsemmija,[5] jirrizulta car li fil-kaz ta' assigurazzjonijiet ta' vetturi, l-*commission* kellha tkun ta' 12.5%. Il-konvenut ma rnexxielux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp civili, l-allegazzjoni tieghu li kien hemm ftehim verbali mas-socjeta' attrici li ser jithallas *commission* b'rata ta' 15%. Il-persuna li skont hu wieghditu dan, Joe Avellino, cahad li

[4] A fol. 2 *et seq.* tal-process.
[5] A fol. 74 tal-process.

qatt kien sar dan id-diskors.[6] Ghalkemm il-konvenut xehed fl-affidavit tieghu li *"Jien diversi drabi kkorispondejt mar-rapprezentanti tal-Middle Sea Insurance permezz ta' ittri"*[7], huwa ezebixxa biss ittra wahda allegatament mibghuta minnu fl-14 ta' Mejju 2003[8]. Pero hemm dubbju jekk din l-ittra qattx waslet ghand is-socjeta' attrici. Joe Avellino, li jidher li kellu jkun ikkupjat bl-ittra, xehed li qatt ma rceviha u qatt ma kien raha.[9] Fi kwalunkwe kaz, mill-atti ma jirrizultax li kien hemm xi korrispondenza ohra wara din l-ittra, u l-konvenut baqa' jahdem bhala *sub-agent* tas-socjeta' attrici ghal aktar minn sentejn ohra.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-konvenut jissottometti jissottometti argument gdid u jghid li s-socjeta' Allied Insurances Services Ltd. fil-ftehim taghha mal-konvenut kienet agent tas-socjeta' attrici, u li ghalhekk, skond hu, s-socjeta' attrici kienet fil-fatt marbuta bhala principal tas-socjeta' Allied Insurance Services Ltd., u konsegwentement ma setghetx unilateralment tbiddel ir-rata tal-*commission.* Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-konvenut m'ghandux ragun. Is-socjeta' Allied Insurance Service Ltd. kienet agent tas-socjeta' attrici ghal fini ta' negozjar u ftehim dwar kuntratti ta' assigurazzjoni, u mhux ghal fini ta' negozjar u ftehim tal-kundizzjonijiet, fosthom il-*commissions* ta' *sub-agents*, bhalma kien il-konvenut. Meta r-relazzjoni mas-socjeta' Allied Insurance Service Ltd. spiccat, u ghazel – ghax ma kienx marbut li jaghmel dan - li jidhol f'relazzjoni gdida u diretta bhala *sub-agent* mas-socjeta' attrici, u s-socjeta' attrici – bhala entita distinta u separata mis-socjeta' Allied Insurance Service Ltd. - kellha kull dritt li tiffissa *commissions* differenti ghas-*sub-agents taghha*. Jekk ir-rati tal-*commission* ma kienux joghgbuh, il-konvenut seta' facilment jaghzel li ma jidholx fi ftehim mas-socjeta' attrici.

Il-fatt li wara li rcieva l-ittra datata 27 ta' Jannar 2003[10] surriferita minghand is-socjeta' attrici, il-konvenut baqa'

---

[6] Ara fol. 156-157 tal-process.
[7] Ara fol. 68 tal-process.
[8] Ezebita a fol. 111 tal-process.
[9] Ara fol 157 tal-process.
[10] Dok C a fol. 74 tal-process.

jipprovdi s-servizz tieghu ta' *sub-agent* tas-socjeta' attrici, ifisser li huwa kien accetta l-kondizzjonijiet ta' dik l-ittra. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li l-konvenut ma ghamel xejn biex jinsisti fuq il-pretensjoni tieghu u l-ittra tieghu tal-14 ta' Mejju 2003. Huwa baqa' jbiegh il-poloz u jghaddi l-*premia* lis-socjeta' attrici, minghajr qatt, b'xi mod irrizerva l-pozizzjoni tieghu, fil-waqt li s-socjeta' attrici baqghet tohrog il-poloz relattivi.

Kien fi Frar tal-2005 li assistent tal-konvenut, Joe Herrera, li kien imur perjodikament bil-pagamenti tal-*premia*, informa verbalment lil Rose Desira (impjegata ta' socjeta' sussidjarja tas-socjeta' attrici), li l-konvenut ma kienx qed jaqbel mal-*commission*. Is-socjeta' attrici mill-ewwel ghamlet il-verifiki fuq dan l-ilment u rrizulta li bejn is-sena 2003 u s-sena 2005, il-konvenut kien fil-fatt qed jithallas *commission* b'rata ta' 10% minflok 12.5% kif miftiehma fuq assigurazzjonijiet ta' vetturi. Mix-xhieda ta' Vittorio Laferla u Rose Desira u l-provi migjuba jirrizulta li s-socjeta' attrici ghamlet aggustament fil-kalkoli, u l-konvenut gie moghti kreditu ta' elf u sitta u ghoxrin elf lira Maltin u ghaxar centezmi (LM1026.10), li kienet id-differenza fil-*commission* bejn it-10% li kien qed jigi imhallas u l-12.5% miftiehem, ghal dak li jirrigwarda assigurazzjonijiet ta' karozzi, u d-differenza fuq il-ftit poloz ohra li kien biegh ta' tip iehor ta' assigurazzjonijiet – bhal *liability insurance*, *fire insurance* u *accident/travel insurance* – li skont l-ittra tas-socjeta' attrici tas-27 ta' Jannar 2003 kellhom *commission* bir-rata ta' 15%.[11]

Fl-affidavit tieghu, l-konvenut xehed wkoll li Joe Avellino, impjegat tas-socjeta' attrici, kien wieghdu li s-socjeta' attrici kienet se thallsu mitejn lira Maltin (LM200) tal-ispiza tat-tabella li iggib l-isem "Middle Sea Insurance" . Dan gie negat minn Joe Avellino stess fix-xhieda tieghu[12], u l-konvenut ma gab l-ebda prova ohra indipendenti dwar din l-allegata weghda.

---

[11] Ara l-*credit note* ezebita a fol. 91 tal-process, kif ukoll l-*istatement of account* (Dok A) a fol. 13 tal-process, indikat bil-kliem "ADJ Comm 03-05" that "Ref. No. 76341 sa 763431C".
[12] Ara fol. 157 tal-process.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont ta' elfejn u ghoxrin lira Maltin u erba' u hamsin centezmu (LM2020.54) – *premia* ta' terzi persuni huwa dovut mill-konvenut.

<u>2. L-Ammont ta' elf hames mija u hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmi (LM1535.93) – assikurazzjoni fuq vetturi tal-konvenut.</u>

It-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija dwar poloz li skont hu, qatt ma gew rikjesti. Il-konvenut qatt ma allega, wisq inqas ipproduca provi, li kien hemm xi poloz partikolari li tnizzlu fl-*istatement* tas-socjeta' attrici, li ma kienux inhargu fuq talba tieghu. Ghalhekk jidher li din l-eccezzjoni qed tirreferi ghal tlett ammonti li jidhru fl-*istatement* li jammontaw ghal elf hames mija u hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmi (LM1535.93),[13] u mill-provi prodotti jirrizulta li jirreferu ghal *premium* addizzjonali dovut fuq l-assikurazzjoni tal-vetturi personali tal-konvenut, li qatt ma thallas.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kellu zewg vetturi tieghu bin-numri ta' registrazzjoni FBN 078 u DCT 888, li sas-sena 2003 kienu assikurati mas-socjeta' Citadel Insurance p.l.c. Il-konvenut xtaq li jibda jassikurahom mas-socjeta' attrici. Huwa risaput li f'kaz li persuna tbiddel l-assikurazzjoni tal-vettura taghha, kwalunkwe *no-claim discount* li tkun intitolata ghalih dik il-persuna jintiret mis-socjeta' assikuratrici ghall-ohra, pero jrid ovvjament ikun hemm konferma mis-socjeta' tal-assikurazzjoni anticedenti, li effettivament kien hemm dan id-*discount* favur l-assikurat. Fil-kaz odjern, fuq informazzjoni moghtija mill-konvenut stess, is-socjeta' attrici tatu *discounts* ta' 62.5% fuq il-vettura FBN 078 ghas-sena 2003 - 2004[14], u ta' 65% ghas-sena ta' wara,[15] u tatu wkoll *discount* ta'

[13] Tnejn minn dawn l-ammonti jinsabu fuq nett fl-ewwel pagna tal-*istatement* a fol. 2 tal-process, datati Mejju u Lulju 2003 u l-ammont l-iehor jidher a fol. 6 tal-process.
[14] Ara fol. 53 tal-process.
[15] Ara fol. 51 tal-process.

50% fuq il-vettura DCT 888 ghas-sena 2003-2004.[16] Ghalhekk il-*premia* fuq dawn il-vetturi inhadem b'dan id-*discount.*

Ghalkemm is-socjeta' attrici kienet ilha minn Mejju 2003 tikkorrispondi mas-socjeta' Citadel p.l.c. sabiex din tatiha konferma dwar in-*no claim bonus* li l-konvenut kien qieghed jallega li kellu dritt ghalih, hija rceviet risposta biss fis-sena 2005, minn fejn irrizulta li fil-fatt ma kienx il-konvenut li kien assikurat fuq dawn il-vetturi, izda kumpanija tieghu bl-isem MB Contractors Ltd, u li dawn il-vetturi kienu fil-frattemp gew trasferiti fuq ismu personalment, kif ikkonferma l-konvenut stess fl-affidavit tieghu. Konsegwentement, il-konvenut ma setghax jiret in-*no claim discount* ta' persuna ohra, u ghalhekk ghandu jirrifondi bhala *additional premium*, l-ammonti imnaqqsa bhala *no claim discount* fuq iz-zewg vetturi, li b'kollox jammontaw ghal elf hames mija u hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmi (LM1535.93).

Peress illi l-konvenut baqa' ma hallasx dawn l-*additional premia*, ghalkemm gie mitlub li jaghmel hekk,[17] is-socjeta' attrici ziedet l-istess ammonti fl-*istatement of accounts* mal-ammonti l-ohra dovuti lilha mill-konvenut, u huma indikati a fol. 2 u fol. 6 tal-process, fejn il-konvenut stess jinsab indikat bhala *policy holder*. Dan kollu gie wkoll spjegat fix-xhieda ta' Rose Desira[18] u Vittorio Laferla.[19]

Il-konvenut jghid li dawn il-*premia* - li jammontaw ghal elf hames mija u hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmi (LM1535.93) u mhux tliet elef hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centemzu (LM3558.75) kif jghid il-konvenut fl-affidavit tieghu[20] - thallsu fl-intjier taghhom u jezebixxi bhala prova "*kopja tal-ircevuti li qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok. J1 sa J3*". Dawn id-dokumenti li jinsabu a fol 98 sa 100 tal-process mhumiex ircevuti izda *invoices*. Fil-fatt, fejn

[16] Ara fol. 36 tal-process.
[17] Ara dokumenti ezebiti a fol. 34, 50 u 52.
[18] A fol. 63 tal-process.
[19] A fol. 31 tal-process.
[20] A fol. 70 tal-process.

hemm il-kliem fuq in-naha tax-xellug ta’ fuq *“INVOICE/RECEIPT”*, il-kelma *“RECEIPT”* hija ingassata. Dawn kienu biss kontijiet u l-konvenut ma ressaq ebda prova li dawn l-ammonti gew imhallsa.

Ghaldaqstant, dan l-ammont ukoll hu dovut.

Imghax

Fin-nota tieghu, l-konvenut jissottometti li peress illi kienu ghaddejjin trattattivi bejn il-partijiet sabiex tinstab soluzzjoni bonarja, allura m’ghandux ibati l-imghax mid-data tal-ittra ufficcjali, kif qed titlob is-socjeta’ attrici, fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha. Izda din il-Qorti tirrileva illi fir-rikors promotur, is-socjeta attrici qed titlob *“l-imghax legali”* u mhux l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali.

Apparti li dak li nghad fin-negozjati ghal transazzjoni ma jifformax parti mill-atti ta’ dawn il-proceduri, u allura dina l-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tieghu, l-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili jghid car u tond illi:

*“(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F’ kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b’ att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.”*

Ghalhekk l-imghax legali dovut mill-konvenut ghandu jigi komputat skond id-dispozizzjoni fuq citata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, qieghda tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmint elef, mitejn u erbgha u tmenin Euro u

hamsa u tletin centezmu (€8284.35), ekwivalenti ghal tliet elef, hames mija u sitta u hamsin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm3,556.47).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Marzu, 2006, u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------